TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 169/17-F

**Simon Galea**

**vs**

**Central Trading Co. Ltd.**

Illum 6 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), rappreżentanti prezz ta' air condition.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara air condition mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), li dan ħadem għal sena u għas-snin ta' wara ma baqax ikessaħ, minkejja dversi lmenti li għamel mas-soċjeta' ntimata.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tliet darbiet, ma dehritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ, u kif ukoll ma ssottomettietx risposta bil-miktub għal din it-Talba, u għalhekk ma kkontestatx it-Talba u lanqas għamlet oġġezzjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-air condition jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u għandu tliet ġimgħat żmien sabiex jaqla' l-air condition u jekk ma jaqilgħux jibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888